**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Jannar 2018**

**Talba Nru: 453/17 CZ**

**Favell Wines & Spirits Limited**

**vs.**

**Owen Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-27 ta' Settembru 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas ammont bilancjali dovut lilha ghal merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, kif jirrizulta mill-istatement anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Frar 2017, ta' l-ittra ufficcjali skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 numerata 980/17, u bl-imghax legali mit-30 ta' Dicembru 2016, data ta' l-ahhar invoice sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'erbat'elef, disa' mija u wiehed Euro u disgha w ghoxrin centezmu (€4,901.29) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba, u d-drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur